



**2022/2020(INI)**

26.10.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-possibiltajiet biex tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża (2022/2020(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Luke Ming Flanagan

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>1</sup> (ir-‘Regolament Finanzjarju’), u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2022 dwar proposta għar-reviżjoni tiegħu (COM(2022)0223),
- B. wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013<sup>2</sup>,
- C. wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Attività 2021 ippubblikat fil-25 ta' April 2022 mid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni,
  1. Ifakkar li, filwaqt li l-Kummissjoni għandha responsabbiltà ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja tal-politika agrikola komuni (PAK), 99.1 % mill-baġit tagħha huwa implimentat fl-ambitu ta' ġestjoni kondiviża;
  2. Ifakkar li, mill-1 ta' Jannar 2023, il-baġit tal-PAK implimentat taħt ġestjoni kondiviża se jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/2116 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni;
  3. Ifakkar li l-effikaċja u r-reputazzjoni tajba tal-PAK jiddependu mill-użu korrett u effiċjenti tal-fondi, li għalihom l-awditi u l-kontrolli huma għodod bażiċi, u li r-rwol ta' awditjar tal-Kummissjoni jibqa' wieħed essenzjali biex jiġi vvalutat l-użu tal-fondi u jingħata kontribut għall-proċess tal-kwittanza baġitarja mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
  4. Ifakkar li fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma responsabbli li jwaqqfu sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-pagamenti u jridu jiżguraw li tkun kapaċi taqbad u tikkoreġi l-irregolaritajiet; jenfasizza li huwa ta' vantaġġ għall-Istati Membri li jagħżlu miżuri preventivi aktar milli miżuri punittivi għall-finijiet ta' ġestjoni u kontroll, u b'hekk jgħinu biex jiġi żgurat li s-sistema tiġi amministrata bl-aktar mod effiċjenti possibbli għall-benefiċċju tal-benefiċjarji t-tajba, filwaqt li jiġu evitati l-frodi u d-direzzjoni ħażina tal-fondi pubbliċi u jiġi żgurat l-aħjar użu tagħhom;
  5. Jenfasizza li għandha ssir distinzjoni bejn frodi intenzjonata u żbalji mhux intenzjonati, kif deskritt fid-definizzjoni tal-mandat tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u previst fir-Regolament (UE) 2021/2116; jenfasizza kemm hu importanti li jkun hemm ċertezza

---

<sup>1</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

tad-dritt kontinwa fir-rigward tal-pagamenti, li permezz tagħha, għall-penali għannuqqas ta' konformità, issir distinzjoni ċara bejn każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonati u dawk mhux intenzjonati għall-benefiċjarji li jkunu aġixxew in bona fede; jissuġġerixxi li l-Istati Membri jużaw l-istrumenti rilevanti biex jirreġistraw irregolaritajiet serji, intenzjonati u ripetuti; isostni li huwa meħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq il-bdiewa sabiex jiġi żgurat l-użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-PAK, fost miżuri oħra, biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġettivi tal-PAK;

6. Jissottolinja kemm hu importanti li jittieħdu miżuri biex jiġu miġġielda l-frodi u forom ġodda ta' Prattiki irregolari; iħeġġeġ lill-Istati Membri jevalwaw b'mod regolari l-Prattiki ta' awditjar u s-sistemi ta' kontroll intern tagħhom biex jiżguraw li jkunu affidabbli u effettivi fil-prevenzjoni, is-sejbien u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet;
7. Jinsisti li, għall-fini tar-reputazzjoni tal-PAK, is-sistemi ta' kontroll iridu jkunu ta' standard għoli, robusti u konformi bis-sħiħ mar-regolamenti l-ġodda sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa, b'mod partikolari, tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid mill-1 ta' Jannar 2023; jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar Prattiki fl-Istati Membri kollha għal dak il-għan;
8. Jenfasizza li l-PAK il-ġdida għandha tissimplifika l-affarijiet għall-bdiewa; jirrimarka li, fid-dawl tat-tħassib dwar il-piżijiet amministrattivi taħt ġestjoni kondiviża, il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK għandhom ifittxu speċifikament li jissimplifikaw l-affarijiet għar-riċevituri finali;
9. Jinnota l-livelli konsistentement baxxi ta' żball f'dawn l-aħħar snin fir-rigward tal-PAK, li jirriflettu l-fatt li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri qed joperaw fil-limiti tal-parametri korretti u jipprovdu assigurazzjonijiet raġonevoli;
10. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tkun qed tivvaluta l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, tiffoka fuq il-punt sa fejn dawn jissimplifikaw l-affarijiet u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi minn fuq il-benefiċjarji finali;
11. Jinnota li l-Istati Membri jeżegwixxu l-pagamenti ta' fondi tal-UE, kofinanzjati minn fondi nazzjonali fil-każ ta' pagamenti għall-iżvilupp rurali tat-tieni pilastru, lill-benefiċjarji tal-PAK permezz ta' aġenziji tal-pagamenti akkreditati, li jwettqu kontrolli fuq il-post biex jiżguraw l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet u l-eżekuzzjoni korretta tal-pagamenti; iqis li dawn il-kontrolli jridu jkunu kkoordinati, rigorużi u effettivi, u jridu jitwettqu mingħajr ma jżidu l-livell ta' burokrazija li magħha jridu jħabbtu wiċċhom il-bdiewa;
12. Jinnota r-rwol mill-akbar tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni maħtura mill-Istati Membri bħala korpi tal-awditjar indipendenti; josserva li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni, li jadottaw approċċ essenzjalment ibbażat fuq ir-riskju, diġà jipprovdu opinjoni dwar il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-aġenziji tal-pagamenti;
13. Ifakkar li, mill-1 ta' Jannar 2023, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jridu jistabilixxu jekk is-sistemi ta' governanza tal-Istati Membri humiex qed jiffunzjonaw kif suppost u jekk in-

nefqa hijiex eliġibbli, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2116<sup>3</sup>;

14. Ifakkar li l-objettiv ewlieni tal-mudell ta' assigurazzjoni huwa li jiżgura li l-livell ta' riskju li jifdal għall-baġit ikun taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, kif indikat fir-rapport annwali tal-2018<sup>4</sup> tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri; jirrikonoxxi u jenfasizza r-rati baxxi ta' żball għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u t-tnaqqis kontinwu fir-rati ta' żball għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali matul dawn l-aħħar snin finanzjarji; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' żball ġenerali aġġustata għall-fondi tal-PAK għall-2021 kienet taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % għat-tielet sena konsekuttiva, fil-livell ta' 1.84 %; jenfasizza li hemm il-ħtieġa li jsir sforz sostnut biex ikompli jsir aktar titjib billi tkompli titnaqqas b'mod progressiv ir-rata ta' żball tal-PAK;
15. Jenfasizza li r-rati ta' żball jistgħu jkunu wkoll indikatur tal-kumplessità tal-politiki; jirrakkomanda, għalhekk, li r-rapporti tal-awditjar ikomplu jagħtu analiżi ċara tar-rati ta' żball għal kull pilastru tal-PAK, filwaqt li jidentifikaw l-oqsma li fihom is-simplifikazzjoni hija l-aktar meħtieġa; jinsisti li rata ta' żball marġinalment ogħla għall-miżuri agroambjentali m'għandhiex tiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jqiegħduhom għad-dispożizzjoni tal-bdiewa fil-komunitajiet rurali; ifakkar li s-soċjetà<sup>5</sup> qed tappella għal biedja li tirrispetta aktar lin-natura;
16. Jilqa' s-simplifikazzjonijiet introdotti fil-PAK għall-2023–2027 u l-fatt li dawn jaġevolaw il-ġestjoni mill-awtoritajiet nazzjonali flimkien mar-responsabbiltajiet ta' dawn tal-aħħar għall-awditi u l-kontrolli, li jridu jitwettqu b'mod effettiv biex jiġi żgurat li l-iżbalji u l-irregolaritajiet ma jiżdidux taħt din is-simplifikazzjoni; jenfasizza li s-sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri jridu jkunu effettivi, dissważivi, proporzjonati u mmirati lejn l-irkupru tal-pagamenti mhux dovuti; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw kif xieraq id-"dritt li jikkoreġu l-iżbalji b'mod retroattiv" fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2116;
17. Jirrimarka kemm huma importanti l-kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex jitnaqqsu l-iżbalji mhux intenzjonati; jistieden lill-Istati Membri jorganizzaw kampanji bħal dawn b'mod li jkun f'waqt u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
18. Jinnota li s-simplifikazzjoni involuta mill-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid biddlet ir-rata ta' kontroll tal-eliġibbiltà għall-pagamenti bażiċi tal-PAK (li qabel kienet ta' 5 % tal-benefiċjarji) għal rati ddeterminati mill-Istati Membri abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u l-potenzjal għal żball; jinnota f'dan ir-rigward ir-rwol tas-sistema l-ġdida ta' monitoraġġ tal-erja, li se tagħmel użu mid-data tar-raggruppamenti satellitari ta' Copernicus; jifhem li l-estensjoni tal-kopertura tal-art ikkultivata hija partikolarment utli għall-monitoraġġ tal-indikaturi<sup>6</sup> li juru biedja attiva u rekwiżiti oħra tal-użu tal-art, u

<sup>3</sup> Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 37.

<sup>4</sup> ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

<sup>5</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li jindirizzaw proposti u miżuri biex il-kunċett tal-ekonomija ekoloġika jitpoġġa fuq quddiem nett billi tiġi promossa agrikoltura effettiva mil-lat tal-ambjent u li ma tagħmilx ħsara lill-klima u billi ssir tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà klimatika u ambjentali.

<sup>6</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 71 u fl-Annessi I u III tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u

tiġġustifika t-tnaqqis fir-rata ta' kontroll bażika; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha biex jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba, ikomplu jnaqqsu l-iżbalji u jevitaw kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-PAK;

19. Jappoġġja l-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkalkulaw in-nefqa eliġibbli għall-għotjiet abbażi ta' finanzjament b'rata fissa, u b'hekk titnaqqas il-kumplessità u jiġi żgurat li l-bdiewa ma jitħallewx joħorġu flus minn buthom fir-rigward ta' pagamenti li jikkumpensaw "spejjeż addizzjonali mġarrba u introjtu mitluf", pereżempju fir-rigward ta' Natura 2000, iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art fl-ambitu tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>7</sup>, jew pagamenti oħra tat-tieni pilastru marbuta ma' obbligi statutorji; jinnota li l-iżgurar ta' pagamenti għoljin, jew tal-anqas remunerattivi, għall-beni pubbliċi pprovduti mill-protezzjoni ta' żoni bħal dawn, jekk jiġi applikat b'mod korrett mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, se jgħin ħafna biex jittaffew it-tensjonijiet u jitnaqqas ir-riżentiment fost xi bdiewa fir-rigward tal-obbligi tal-protezzjoni;
20. Jinnota r-rwol tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u r-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fit-tweġiq ta' funzjonijiet ta' kontroll fl-interess tal-UE u fl-evalwazzjoni tar-riskju għall-fondi tal-PAK; iqis li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid skont ir-Regolament (UE) 2021/2116 ma jridx ixekkel lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kompitu tagħha li tivvaluta l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tan-nefqa tal-fondi tal-UE skont l-arranġamenti l-ġodda għall-PAK; ifittex serħan il-moħħ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li d-dokumentazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 9(3), il-punt (c), tal-istess Regolament se tkun biżżejjed biex il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità jiġu vverifikati;
21. Jemmen li d-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' għodod tal-IT aktar sofistikati u aċċessibbli jistgħu jtejbju l-effiċjenza tal-proċess ta' assigurazzjoni, kif ukoll l-użu tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll biex jiġi appoġġjat il-monitoraġġ tad-data meħtieġ biex titkejjel il-prestazzjoni tal-PAK permezz tal-indikaturi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115; ifakkar li l-approċċ tal-prestazzjoni tressaq b'reazzjoni għax-xewqa ċara u sostnuta taċ-ċittadini tal-UE li jkollhom PAK sostenibbli, ġusta u effettiva u b'rikonoxximent tal-fatt li approċċ ta' "wieħed tajjeb għal kulħadd" mhux fattibbli; jappoġġja l-estensjoni tal-użu tal-għodda ta' punteġġ tar-riskju ARACHNE, imfassla biex tipprevjeni u tiġġieled il-frodi, inkluż biex tgħin ħalli jiġu traċċati l-benefiċjarji, il-kumpaniji azzjonarji u l-oligarki; jilqa' r-referenzi għal dan fil-proposta għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju<sup>8</sup>, li jirrakkomanda l-użu ta' sistema tal-IT integrata unika għall-estrazzjoni tad-data u l-punteġġ tar-riskju;
22. Ifakkar li l-ARACHNE trid issir għalkollox idonea għall-iskop tagħha sabiex tkopri l-interventi kollha tal-PAK u jinnota li l-Kummissjoni se tippreżenta rapport fl-2025 li jivvaluta l-użu ta' din l-għodda u l-interoperabbiltà tagħha mas-sistemi nazzjonali differenti, bil-ħsieb li potenzjalment twessa' l-użu tagħha mill-Istati Membri; jappella għal aktar kooperazzjoni fost is-servizzi tal-awditjar ikkonċernati u għal aktar taħriġ minnhom, inklużi s-servizzi fil-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-

---

li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>8</sup> L-Artikolu 36(2), il-punt (d), kif ukoll l-Artikolu 36(6), 36 (7) u 36 (8).

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jemmen li użu usa' ta' ARACHNE, f'konformità mal-qafas tal-protezzjoni tad-data, jista' jsaħħaħ il-kapaċità analitika tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri u jżid l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli; jenfasizza l-ħtieġa li l-UPPE jitħalla jaċċessa l-ARACHNE meta jkun qed iwettaq l-investigazzjonijiet; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha li fadal jissieħbu mal-UPPE biex jiżguraw li aktar każijiet ta' frodi jiġu investigati u mħarrka;

23. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni pproponiet li l-użu ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-punteġġ tar-riskju jsir obligatorju għall-fondi li jkunu taħt ġestjoni kondiviża u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li din il-proposta ma ġietx adottata minħabba reżistenza fil-Kunsill;
24. Jappella għal aktar azzjoni biex jiġu evitati u indirizzati l-kunflitti ta' interess u jiġu pprevenuti l-ħtif tal-art u l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi, sabiex jiġu protetti l-fondi tal-UE u tinżamm ir-reputazzjoni tal-PAK; jilqa' l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni, b'mod partikolari t-tixrid tal-avviż tad-9 ta' April 2021 bit-titolu "Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju"<sup>9</sup>, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jimplementazzjoni b'mod korrett il-fondi b'ġestjoni kondiviża;
25. Jenfasizza kemm hu importanti li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri timplimenta b'mod korrett il-miżuri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni deskritti fil-Kapitolu I tat-Titolu IV (dwar is-sistemi ta' kontroll u l-penali) tar-Regolament (UE) 2021/2116;
26. Jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni toffri diversi opportunitajiet meta niġu għall-ġestjoni u l-kontroll tal-politiki u l-programmi tal-UE, u b'mod partikolari fir-rigward tat-tweqqif ta' awditi (pereżempju, l-obbligu tal-ġbir ta' statistika dwar in-network ta' informazzjoni tal-kontabilità agrikola, is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF), u l-inputs u l-outputs agrikoli); jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet rilevanti kollha jieħdu vantaġġ tal-għodod u t-tekniki ġodda tal-IT biex iżidu l-affidabbiltà tal-awditi u tal-kontrolli; jissottolinja t-talbiet b'saħħithom u ripetuti tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-UE billi jagħmlu użu komprensiv u metodiku mis-sistemi diġitali u awtomatizzati tar-rappurtar, il-monitoraġġ u l-awditjar; itenni li l-ħolqien ta' sistema integrata, interoperabbli u armonizzata għall-ġbir, il-monitoraġġ u l-analiżi tal-informazzjoni dwar ir-riċevituri finali fl-Istati Membri kollha jista' jkompli jsaħħaħ il-protezzjoni tal-finanzi tal-UE u jippermetti skrutinju saħansitra aktar mill-qrib;
27. Jinnota l-utilità tal-immaġnijiet satellitari u approċċi oħra tat-teknoloġija diġitali użati fis-sistema ta' monitoraġġ tal-erja għall-irqajja' tal-agroforestrija u tal-forestrija biex jikkomplementaw il-kontabbiltà tal-LULUCF u jiġġustifikaw il-pagamenti futuri possibbli għall-biedja tal-karbonju bbażati fuq tekniki agronomiċi u operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-art sostenibbli u effettivi li jistgħu jiġu osservati mill-bogħod;
28. Ifakkar fl-użu dejjem akbar tad-drones, b'mod partikolari wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, biex jitwettaq telerilevament għal skopijiet ta' awditjar u kontroll; jitlob li tiġi kondiviża l-aħjar Prattika minn dik l-esperjenza u li jintużaw ritratti ġeotaggjati

---

<sup>9</sup> ĠU C 121, 9.4.2021, p. 1.

sabiex isir żvilupp abbażi ta' dawk il-pedamenti u jsir l-aktar użu effettiv tat-teknoloġija fil-futur; jitlob, bl-istess mod, li l-prattiki tajba żviluppata fl-awditjar mill-bogħod, kif ġie ddetaljat fir-Rapport Annwali tal-Attività 2021<sup>10</sup> tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni, jiġu replikati;

29. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha rwol superviżorju, filwaqt li tiżgura li l-arranġamenti li jirregolaw is-sistema ta' ġestjoni u kontroll ikunu konformi billi, fost passi oħra, tivverifika l-funzjonament effettiv tas-sistema u tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji, fejn meħtieġ; jinnota r-responsabbiltà kontinwa tal-Kummissjoni li tintervjeni jekk jinstabu nuqqasijiet serji fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru, kif deskritt fir-Regolament (UE) 2021/2116;
30. Itenni l-ħtieġa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn is-simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli u l-proċeduri u l-applikazzjoni ta' kontrolli aħjar għall-aktar oqsma komuni ta' nfiq irregolari, li jiġu żviluppata sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari l-applikanti ġodda, u li jittejjbu l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tissimplifika s-sistema ta' finanzjament tal-UE, speċjalment fir-rigward tat-tnaqqis tal-piż tal-implimentazzjoni u tal-ġestjoni għall-proġetti ffinanzjati mill-UE;
31. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċessi biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, filwaqt li tiġi pprovduta biżżejjed data li tippermetti skrutinju xieraq tal-effikaċja tal-għajjnuna tal-UE u s-suċċess tal-politiki relatati f'dawk li huma r-riżultati u l-impatt tagħhom;
32. Jilqa' l-istrateġija tal-Kummissjoni ta' "Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati", li għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-infiq u tikseb aktar bir-riżorsi disponibbli.

---

<sup>10</sup> Ara t-Taqsima 2.1.1.2.1.



**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.10.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 43 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Ivan David, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Elena Lizzi, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Rosanna Conte, Marie Dauchy, Anna Deparnay-Grunenberg, Alin Mituța

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

43	+
ECR	Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Marie Dauchy, Gilles Lebreton, Elena Lizzi
NI	Dino Giarrusso
PPE	Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Juan Ignacio Zoido Álvarez
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Alin Mituța, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Isabel Carvalhais, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas
THE LEFT	Luke Ming Flanagan, Chris MacManus, Eugenia Rodríguez Palop
VERTS/ALE	Benoît Biteau, Anna Deparnay-Grunenberg, Martin Häusling, Bronis Ropė, Sarah Wiener

0	-

3	0
ECR	Krzysztof Jurgiel
ID	Ivan David
RENEW	Martin Hlaváček

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni